CCT/97/13/S

Lisa Portelli u Emanuel Zammit
Vs
Stefano Santo Scardaci

Illum 24 ta'Lulju,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Lisa Portelli u Emanuel Zammit epprezentata fid-29 t'April,2013 u r-risposta ta' Stefano Santo Scardaci epprezentata fit-2 ta'Lulju,2013;

Ra d-dokumenti varji pprezentati inkluz ir-rapport tal-espert il-Perit Alan Saliba kif ukoll sema' lill-partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xoghol li ghadu ma sarx mill-intimat fil-fond tar-rikorrenti;

Illi l-verzjoni tal-intimat hija differenti u dan kif spjegat fix-xhieda tieghu tat-3 t'Ottubru,2013;

Illi fi kwistjonijiet dwar appalt, zewg punti jridu jigu decizi u cioe jekk ix-xogholijiet sarux hekk kif miftiehem u jekk ix-xogholijiet sarux skont is-sengha w l-arti[2];

Illi l-perit tekniku elenka x-xogholijiet li baqa' x'isiru u dan kif spjegat f'pagna 4 tar-rapport tieghu;

Illi jinghad mal-ewwel li l-valur tax-xogholijiet li ghadhom ma sarux, hu materja teknika u kien ghalhekk li tqabbad l-espert tekniku ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"...*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova...*";

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert pero ma ra ebda lok li jiskartah;

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

[2] Ara sentenza moghtija fit-22 ta'Gunju,1994 fl-ismijiet "**Bonnici noe vs Sammut**" mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc).

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[3];

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "**Bugeja et vs Muscat**":

"...*Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacebtement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli...*";

Illi wara li gie pprezentat ir-rapport tal-espert, il-partijiet ma kkontestawx is-sustanza tal-kontenut tieghu quddiem dan it-Tribunal;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtur minn dan it-Tribunal;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Lisa Portelli u Emanuel Zammit filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Stefano Santo Scardaci, u Jordna lil Stefano Santo Scardaci biex ihallas lil Lisa Portelli u lil Emanuel Zammit is-somma ta' €1800 kif dedotta fit-talba taghhom, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mill-intimat Stefano Santo Scardaci.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[3] "**Cauchi vs Mercieca**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "**Calleja noe vs Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.